MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 360/2014

**Bank of Valletta plc (C 2833)**

**vs**

**Mario u Yolanda mizzewgin Grixti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar is-6 ta' Novembru 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' tlett elef, tmien mija u tnejn u ghoxrin ewro u disghin centezmu (€3,822.90) bilanc ghad-debitu fil-"*Credit Card Laon Account*" taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-18 ta' Settembru 2014 sad-data tal-effettiv pagament, liema loan giet moghtija lilhom permezz ta' skrittura privata datata 17 ta' Lulju 2012 (Dok. "B").

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata (Dok. "B") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Mario u Yolanda mizzewgin Grixti (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 23 ta' Lulju 2013 (Dok C) u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skond riferti pozittivi tal-Marixxall Ivan Spiteri Bianchi datati 8 ta' Jannar 2015 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenuti kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta' attrici (fol. 17 tergo), fil-Kunsill Lokali ta' tal-Belt Valletta u fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt

Valletta u dana kollha fl-istess jum tat-8 ta' Jannar 2015, kif jirrizulta mill-istess timbri tal-istess Marixxall Ivan Spiteri Bianchi (fol 17 tergo).

Rat illi l-konvenut gew ukoll notifikati permezz ta' pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar it-13 ta' Jannar 2015 (fol. 16) u pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali The Malta Independent datata 26 ta' Jannar 2015 (fol. 20).

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015 il-konvenuti gew msejjha izda ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Frar 2015 il-konvenut ma dehrux.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-bank attrici is-somma ta' tlett elef, tmien mija u tnejn u ghoxrin ewro u disghin centezmu (€3,822.90) ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur.**

**L-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 23 ta' Lulju 2013 (Dok C) u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, a karigu tal-konvenuti.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------